# Il-Ħadd 31.10.2021

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (30-31/10) naqilbu s-siegħa għall-ħin tax-xitwa: immexxu l-arloġġi siegħa lura.
2. It-Tnejn 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha.**
3. It-Tlieta 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:
   - Filgħodu, il-quddies ikun f'dawn il-ħinijiet: Fis-7:00am u fit-7:45am.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu tul din is-sena.
   - Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ kuljum mit-8:00am sal-4:00pm. Inħeġġu biex iż-żjajjar tagħna fiċ-Ċimiterju jkunu fuq kollox mument ta' talb. U importanti wkoll li jinżamm is-skiet u l-indafa meħtieġa.
4. L-Erbgħa 3/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Kappillani u għas-Saċerdoti mejtin.
5. Il-Ħamis 4/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Fratelli u Sorelle Mejtin tas-Sagrament u tar-Ružarju.
6. Il-Ġimgħa 5/11, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni li tagħlaq bil-barka Sagramentali.
7. Il-Ħadd 7/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm fil-knisja parrokkjali.*
     - Qed tinġabar il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta maċ-ċimiterju: l-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, u l-manutenzjoni ġenerali.
     - Infakkar li nfetaħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2022 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b'ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.
8. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Dawk li għandhom aktar minn 55 sena jew persuni ('il fuq minn 12-il sena) b'kundizzjoni kronika imħeġġa jmorru jieħdu t-tilqima tal-influwenza miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-10:00am sas-7:00pm. Wara it-12/11, it-tilqima tkun miftuħa għal kulħadd. Aktar dettalji mill-Kunsill Lokali.
   - Il-Ħadd 21/11 ser issir il-Mixja tal-President b'risq il-*Community Chest Fund*. Il-Kunsill jappella sabiex ningħaqdu lkoll flimkien f'din il-mixja ta' solidarjetà ta' madwar 30 minuta. Booking u aktar dettalji mill-Kunsill Lokali.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 280 bħala ġabra speċjali tal-Quddies tal-Ħadd li għadda b'risq il-Missjonijiet.
   - € 755 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes.
     *Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni, jekk jogħġbu jibagħtu bil-posta jew iġibu u jitfgħu fl-offerti matul dil-ġimgħa ħalli nkunu nistgħu nibgħatuhom.*
   - € 226 mil-lotterija tal-hamper u l-bejgħ ta' pjanti;
   - € 115 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex intom u ħerġin tħallu d-donazzjoni ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**.
10. Nitolbu għal Pawlu Busuttil li għadda għal ħajja ta' dejjem dil-ġimgħa. Agħtih o Mulej ...